2024/1135

16.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 290/2023

tas-27 ta' Ottubru 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE [2024/1135]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1020 tal-24 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012 fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' servizzi mediċi ta' emerġenza bil-ħelikopter ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1020 iħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 ([2]) u (KE) Nru 351/2008 ([3]), li huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement għandhom jitħassru skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66nf (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012):

"— **32023 R 1020**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1020 tal-24 ta' Mejju 2023 (ĠU L 137, 25.5.2023, p. 1)."

2. It-testi tal-punti 66ra (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006) u 66rb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 351/2008) jitħassru.

Artikolu 2

It-test tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1020 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 114/2023 tat-28 ta' April 2023 ([4]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 137, 25.5.2023, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16.
([3]) ĠU L 109, 19.4.2008, p. 7.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([4]) ĠU L, 2023/2294, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2294/oj.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER